Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2012

2.10.2025

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2025/2012**

**tat-30 ta' Settembru 2025**

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2025/626 (EUNAVFOR MED IRINI/4/2025)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/472 tal-31 ta' Marzu 2020 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Marzu 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/472, li stabbiliet u nediet operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI).

(2) Skont l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/472, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għal EUNAVFOR MED IRINI (il-"Kmandant tal-Forza tal-UE").

(3) Fil-25 ta' Marzu 2025, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/626 ([2]), li taħtar lill-Viċi Ammirall Alessandro DI BIASI bħala Kmandant tal-Forza tal-UE mill-4 ta' April 2025.

(4) Fl-4 ta' Settembru 2025, l-awtoritajiet militari Griegi ppropونew il-ħatra tal-Komodor Spyridon POLLATOS biex jieħu post il-Viċi Ammirall Alessandro DI BIASI bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE (il-"ħatra proposta").

(5) Fis-6 ta' Settembru 2025, il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE ta' EUNAVFOR MED IRINI appoġġa l-ħatra proposta.

(6) Fil-11 ta' Settembru 2025, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa l-ħatra proposta u qabel li l-Komodor Spyridon POLLATOS jinħatar bħala Kmandant tal-Forza tal-UE mit-3 ta' Ottubru 2025.

(7) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Komodor Spyridon POLLATOS bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.

(8) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2025/626 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Komodor Spyridon POLLATOS huwa maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) mit-3 ta' Ottubru 2025.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/626 hija b'dan imħassra.

([1]) ĠU L 101, 1.4.2020, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2020/472/oj.
([2]) Id- Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2025/626 tal-25 ta' Marzu 2025 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2024/2641 (EUNAVFOR MED IRINI/1/2025) (ĠU L, 2025/626, 28.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/626/oj).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-3 ta' Ottubru 2025.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Settembru 2025.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

L. MANDEL VENSILD